**Fl-atti tal-inkjesta mwaqqfa fl-24 ta' Novembru, 2014 mill-Onorevoli Prim Ministru Dr Joseph Muscat bil-ghan li jkun investigat l-agir jew kondotta tal-Ministru tal-Intern u Sigurta` Nazzjonali Emmanuel Mallia u jew ufficjali ohra in konnessjoni mal-kaz li kien involut fih membru tal-Korp tal-Pulizija assenjat mal-Ministru de quo nhar id-19 ta' Novembru, 2014.**

## Premessi

Fl-24 ta' Novembru 2014 f'ittra mibghuta lill-esponent mill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat jinghad hekk:

*"Termini tal-hatra tal-Bord ta' Inkjesta*

*Ninfurmak li inti gejt mahtur biex isservi bhala Chairperson ta' Bord ta' Inkjesta li jien waqqaft bis-sahha tal-poter moghti lili taht l-Att dwar l-Inkjesti (Kap 273 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*L-ghan ta' din l-inkjesta huwa li tinvestiga' l-agir jew kondotta tal-Ministru tal-Intern u Sigurta Nazzjonali Emmanuel Mallia u/jew ufficjali ohra in konnessjoni mal-kaz li kien involut fih membru tal-Korp tal-Pulizija assenjat mal-Ministru de quo nhar id-19 ta' Novembru, 2014.*

*B'mod partikolari, izda mhux biss, il-Bord tal-Inkjesta ghandu jiddetermina:*

1) *jekk kienx hemm involviment mhux lecitu min-naha tal-Ministru Emmanuel Mallia u/jew ufficjali ohra fil-kaz imsemmi;*

2) *l-veracita` jew le tal-allegazzjoni li l-Ministru intervjena biex jghatti l-agir ta' din il-persuna.*
3) *Kwalunkwe kwistjoni ohra ancillari li b'xi mod tolqot l-agir jew kondotta tal-Ministru Mallia u/jew ufficjali ohra fil-kaz imsemmi.*

*Fil-qadi tad-doveri tieghu, l-Bord ghandu juzufruwixxi mill-poteri kollha moghtija lilu minn artikolu 6 tal-Att dwar l-Inkjesti.*

*Ir-rapport finali ghandu jasal ghandi fi zmien hmistax-il gurnata mil-lum."*

Il-Bord tal-Inkjesta hekk mahtur huwa kompost wkoll mill-Imhallef Emeritu Joseph David Camilleri u l-Imhallef Emeritu Philip Sciberras li gew moghtija l-istess inkarigu u poteri bhal dawk hawn fuq riportati permezz ta' ittri separati lilhom indirizzati.

In ezekuzzjoni tal-inkarigu lilhom moghti, l-Bord tal-Inkjesta zamm erba' seduti fl-ambjent ta' Heritage Malta, gewwa Bighi li gie assenjat lilhom ghal dan il-ghan.

Dawn inzammu:

a) Il-Gimgha 28 ta' Novembru 2014 bejn id-9.30 a.m. u s-saghtejn ta' wara nofs inhar meta xehdu:-
   1) Paul Sheehan; 2) Patrick Sheehan; 3) Saviour Balzan; 4) Onorevoli Ministru Emmanuel Mallia; 5) Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit; 6) Silvio Scerri; 7) Dianne Oswald u 8) Stephen Morrison Smith.
b) Nhar tat-Tnejn l-1 ta' Dicembru, 2014 bejn id-9.30 a.m. u is-siegha p.m. meta xehdu:
   1) Kurt Farrugia; 2) Ramona Attard; 3) Supretendent Alessandra Mamo; 4) Spettur Gabriel Micallef u 5) f'konfront ordnat mill-istess Bord l-Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit, l-Onorevoli Ministru Emmanuel Mallia u Kurt Farrugia.
c) Nhar il-Hamis 4 ta' Dicembru 2014 meta xhedu:
   1) Ariadne Massa; 2) il-Kuntistabbli Eman Grima; 3) Anthony Bonnici mill-kumpanija Go 4) Is-Surgent WPS 175 Vanessa Azzopardi; 5) Silvio Scerri u 6) l-Agent Kummissarju Raymond Zammit f'konfront ordnat mill-istess Bord mas-Surgenta Vanessa Azzopardi u Silvio Scerri, separatament.
d) Nhar is-Sibt 6 ta' Dicembru, 2014 bejn l-10:00am u l-11:30am meta rega' nstema' l-Onor. Ministru Emanuel Mallia fuq rikjesta tieghu.

Kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda kollha, flimkien mad-dokumenti li gew moghddija lil Bord waqt l-inkjesta, kif ukoll it-traskirzzjoni tat-telefonati li saru dak inhar mill-Control Roomu d-disk relattiv, ippreparati mill-pulizija qeghdin jigu hawn annessi ma dan ir-rapport.

L-esponenti jixtiequ jirrilevaw illi kien hemm min ghamel allegazzjoni li dan l-istess Bord huwa "cover up". Fil-fehma taghna jinghad mill-ewwel illi inkunu qeghdin nonqsu jekk ma nirrimarkawx li allegazzjoni malafamanti bhal din, **maghmula ferma qabel ma' l-istess Bord iffinalizza l-kompitu moghti lilu skond il-ligi,** tikkostitwixxi pressjoni politika mhux xierqa u li ma taghmel ebda gieh lil min ghamilha.

## Sfond.

Fid-19 ta' Novembru 2014 ghall-habta tat-8.45 pm allegatament sehh incident awtomobilistiku meta vettura misjuqa minn Stephen Morrison Smith habtet mal-vettura tal-Ministru tal-Intern u Sigurta Nazzjonali l-Onorevoli Dr Emmanuel Mallia li dak il-hin kienet ipparkjata quddiem ir-residenza ta' omm Paul Sheehan, id-driver u security officer tal-istess Ministru. Mal-hoss tal-impatt l-istess Paul Sheehan hareg mid-dar ta' ommu u xi persuni indikawlu liema vettura kienet habtet fil-vettura tal-Ministru. Billi Smith allegatament baqa' mixi Sheehan dahal fil-karozza u saq ghal warajh u dawn waqfu fil-car park ta' hdejn il-pixxina nazzjonali f'Tal Qroqq. Hemm jidher li Smith hareg mill-karozza tieghu, u huwa rapportat li kellu xi flixkun tal-birra f'idejh, mentri Sheehan, li ukoll hareg mill-karozza, kellu pistola f'idejh. Smith jghid li Sheehan kien irrabjat u, meta ra l-pistola f'idejn Sheehan, dan rega' dahal fil-karozza u kien ser jibda mixi. Dak il-hin gew sparati zewg tiri. Dak il-lejl fit-tard inharget stqarrija mill-Ministeru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali. Din kienet tghid hekk:-

*"'Hit and run' fuq il-karozza tal-Ministru Manuel Mallia*

*Ma kien hemm hadd fil-karozza fil-hin tal-incident*

*Ragel ta' nazzjonalita` ingliza baqa' diehel bis-sahha fil-karozza ministerjali tal-Ministru Manuel Mallia li kienet ipparkjata l-Gzira. Din il-persuna harbet minn fuq il-post. F'dak il-hin ma kien hemm hadd fil-karozza.*

*Il-Ministru Manuel Mallia fil-hin tal-incident kien jinsab jattendi funzjoni gewwa d-Depot tal-Pulizija fil-Floriana.*

*Mal-hoss tal-impatt ix-xufier tal-Ministru Mallia, li huwa wkoll membru fil-korp tal-Pulizija, induna b'dak li gara u hareg biex jara x'gara. F'dan il-hin huwa induna bl-incident u x'hin induna li dan kien kaz ta' hit and run, huwa segwa l-karozza li holqot l-incident.*

*F'mument minnhom, il-persuna li kienet qed issuq il-karozza li holqot l-incident, regghet ghafset il-karozza biex taghti daqqa ohra lill-karozza ministerjali biex trossha mal-hajt f'Tal Qroqq. Din il-persuna harget biex thebb ghal membru tal-Korp bi flixkun tal-birra.*

*F'dan il-hin il-pulizija spara zewg tiri fl-ajru bhala warning (emfazi tal-Bord). Il-persuna regghet harbet minn fuq il-post u giet arrestata fl-Imsida minn membri tar-Rapid Intervention Unit.*

*Din il-persuna issa tinsab arrestata u l-investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin. Huwa irrifjuta li jaghmel it-test tal-alcohol.*

*Qed issir inkjesta magisterjali."*

Mil-korp komplessiv tal-provi jirrizulta li l-istqarrija hawn fuq migjuba giet kompilata minn Kurt Farrugia. Ix-xhieda kollha jikkonfermaw li l-fatti fiha kontenuti gew migbura minghand l-Agent Kummissarju, anke jekk jirrizulta li lil Kurt Farrugia il-Ministru Mallia, fir-rendikont qasir li tah tal-akkadut permezz ta' telefonata, semmielu "warning shots" ta min jissottolinea illi fil-kuntatt li dan Kurt kellu mal-Prim Ministru dan ta' l-ahhar qallu "nibqghu nuru li f'dan il-kaz qed nimxu b'mod miftuh" u li kien inportanti li jzomm kuntatt kontinwu mal-Kummissarju tal-Pulizija. Jinghad li anke dan ta' l-ahhar semmielu il-kliem "warning shots" u hekk l-agent Kummissarju baqa' konsistenti dwar dan fil-kors tat-telefonati kollha li kellu ma l-istess Kurt. Kurt beda jghaddi lill-gurnalisti t-taghrif li kien qed jghaddielu l-Agent Kummissarju.

Jirrizulta li qabel ma nharget ghall-istampa permezz tad-DOI l-istess abbozz ta' stqarrija gie ccirkulat minn Kurt Farrugia ghal hin tal-10.00 lil diversi persuni, fosthom l-agent Kummissarju, il-Ministru Mallia u lil Prim Ministru, b'kopja ta' l-istess lil Silvio Scerri, Keith Schembri u Ramona Attard.

Il-Prim Ministru wiegbu biex jivverifika mal-Kummissarju l-korrettezza taghha qabel ma mar jorqod. Kwantu ghal Silvio Scerri fl-ewwel seduta (28 ta' Novembru 2014) li xhed dan kien qal li ma rax l-istqarrija. Ta min jinnota illi fil-konfront bejn l-istess Silvio Scerri u l-Agent Kummissarju (seduta 4 ta' Dicembru, 2014) mistoqsi mill-gdid jekk rax l-istqarrija, ghall-ewwel cahad li kien raha. Ippressat mill-Bord u muri d-dokument li baghtlu Kurt Farrugia, fl-ahhar ikkonferma li kien ircevieha u li ghamel l-"input" tieghu fiha, fosthom iz-zieda tal-kliem "fl-ajru" u ukoll l-ahhar parti tal-istqarrija fejn jissemma li l-ingliz kien irrifjuta li jaghmel it-test tal-alkohol. Dwar din l-ahhar parti s-sur Scerri jghid li gab l-informazzjoni minghand l-agent Kummissarju. Irid jinghad li dan l-input ghaddieh lil Kurt Farrugia permezz ta' telefonata u ta' email. Dawn gew eventwalment inkorporati fl-istqarrija.

Fil-kaz tal-Kummissarju jirrizulta li Kurt insista mieghu dwar l-approvazzjoni tal-kontenut tal-istqarrija. Fl-ewwel telefonata l-agent Kummissarju jghid li ma irceviehx u ddirigieh biex jibghata tramite l-ufficcju tas-CMRU li minnha jirrizulta li din ghaddiet tramite Roberta Grima tal-istess ufficcju lil agent Kummissarju. Ghal darb ohra Kurt cempel lil Agent Kummissarju biex dan jikkonfermalu l-ezattezza jew le tal-abbozz tal-istqarrija. Sussegwentement il-Kummissarju cempel lil Kurt Farrugia, ikkonfermalu l-fatti u fl-isfond ta' din it-telefonata sema' lil Ministru jghid "ohrog li stqarrija, ohorguha" dejjem skond l-istess Kurt Farrugia "kien car, igifieri smajtu jghidha, ma kellimx lili bit-telefon, pero` smajtu fil-background jghid" (ara page 16 tat-traskizzjoni tax-xhieda ta' Kurt Farrugia). Mal-konferma minghand il-Kummissarju tal-fatti hemm kontenuti u fuq kliem il-Ministru Kurt Farrugia baghat l-istqarrija b'email lil Diane Oswald tad-DOI.

Il-Ministru Mallia jichad li qatt ra l-istqarrija ghalkemm kompla jzid li hu kien jaf li kienet hierga stqarrija. Din ix-xhieda ittiehdet fil-konfront mizmum fl-1 ta' Dicembru 2014 mil-Bord bejn l-Agent Kummissarju, l-Ministru Mallia u is-Sur Kurt Farrugia. F'dik l-okkazzjoni l-Kummissarju qal li jemmen li urihielu u f'dan ikkonferma dak li kien qal precedentement.

Il-Bord ser jghaddi biex jaghmel il-konsiderazzjonijiet tieghu:

### Dwar l-allegazzjoni jekk sehhx *cover-up*.

Cover-up tista' tkun jew passiva jew attiva. Ikun hemm *cover-up* passiva meta wiehed ma jipprovdix informazzjoni li jkun mistenni minnu li jipprovdi f'socjeta' demokratika. Biex ikun hemm *cover-up* attiva, dak li jkunjintervjeni biex jaghtti agir kriminuz, bl-uzu ta'mezzi illeciti. Hafna drabi *cover-up* attiva tinvolvi t-twettiq ta' reat jew reati.

Fil-kaz odjern ma jistax jinghad li kien hemm xi *cover-up* passiva, kif fuq definita.

l-allegazzjoni li kien hemm attentat ta' *cover-up* attiva tidderiva minn dawn il-fatt :

1. Li fid-19 ta'Novembru intbaghat, fuq struzzjojnijiet tal-Agent Kummissarju, *low-loader* b'certa ghaggla fuq il-post fejn waqfet il-karozza ta' Smith, bil-hsieb li din il-vettura, li kellha fuqha il-marki fejn dahhlu iz-zewg bullets sparati fl-incident, eventwalment tittihed id-Depot.
2. Li l-karozza ta' Smith iccaqalqet mil-post fejn waqfet u tghabbiet fuq il-low-loader minn persuna mhix awtorizzata, cjoe l-Ispettur Gabriel Micallef, qabel ma bdiet ugiet mitmima l-ijnkjesta Magisterjali. Madankollu l-lowloader baqa' fuq il-post.
3. Li l-iskratc tal-isparatura ma instabux.
4. Li persuna mhix awtorizzata pprovat televa l-filmat tal-isparatura, liema filmat kien ittiehed minn zewg persuni li pero' ma telquhx minn idejhom.
5. Li harget stqarrijja ufficcjali mill-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali ftit tal-hin wara li sehh l-incident, li fiha kien hemm informazzjoni skorretta. Dana l-aktar ghaliex fiha intqal li "il-

pulizija spara zewg tiri fl-arja bhala warning" meta irrizulta bla ebda ombra ta' dubbju li t-tiri gew sparati mhux fl-arja izda fid-direzzjoni ta' karozza li fiha kien hemm riekeb Stephen Smith.

6. Li xi partijiet mir-rapport uifficjali dwar l-incident gie allegatament imbaghbas fit-22 ta' Novembru u fil-fatt ufficcjal tal-Pulizija tressaq il-Qorti fi-5 ta' Dicembru akkuzat b'xi reati relattivi, liema akkuzi gew michuda minnu.

7. Li l-Ispetur tal-Pulizija Gabriel Micallef inhareg b' forced leave u qed jigi investigat minhabba suspett ta' tbaghbis fil-provi dwar dan l-incident. Jirrizulta li oht dan l-Ispettur hija l-partner ta' PC 533 Paul Sheehan.

Fil-fehma ta' dan il-Bord, it-tlett partiti fuq elenkati bin-numri 2, 3 u 4, x'aktarx jindikaw li kien hemm effettivament attentat ta' cover-up minn persuna jew persuni qrib PC 533 Paul Sheehan li kienu minn ta' l-ewwel li waslu fuq il-post fejn gew sparati t-tiri u fejn waqfet il-karozza ta' Smith. Dan x'aktarx sar biex titnaqqas il-gravita' tal-konsegwenzi tal-isparatura, billi jitghatta l-fatt li PC Sheehan spara fid-direzzjoni tal-vettura ta' Smith u minflok dan il-fatt jigi konvertit f'tiri fl-ajru jew *warning shots*. Hawnhekk aktarx li si tratta ta' interferenza u tbaghbis dwar it-tracci tar-reat li minnhom tista' tiskatta akkuza ta' rejat jew rejati. Dawn il-kwistjonijiet hu mifhum li qed jigu investigati mill-Pulizija kif ukoll mill-Magistrat Inkwirenti u l-espertt li gew appuntati minnha, u qed jithallew impregudikati minn dan il-Bord. Jigi osservat li huwa possibilment sintomatiku li man mano li ghadda l-hin, PC 533 Paul Sheehan biddel il-verzjoni tieghu dwar id-direzzjoni tat-tiri li kien spara dak in-nhar stess li sehh l-incident. Infatti, a tempo vergine, ezattament ghal-hin tal-20.46, lil PC 1223 Eman Grima, stazzjonat fil-*Control Room fil-Headquarters* tal-Pulizija, qallu testwalment, **"Harabli, sparajt fuqu....sparajt fuqu"**. Tliet minuti wara, irrepeta lil WPC Erica Agius, ukoll stazzjonata l-Control Room, li kien **spara fuqu**. Fil-bidu lill-Agent Kummissarju qallu **"tajtu zewg tiri"**. Lill-pulizija tar-RIU fil-21.01 meta kien qed jinformahom fejn kien, qalilhom, **"hawn that il-mini sparajt fuq il-puli, sparajt fuqu jiena diga"**. Fil-21.15, lil Agent Kummissarju qallu, "nizel bil-flixkun ghalijja hrigt l-arma u **tajt giex tiri mhux fuqu ta"**. Imbaghad, fil-21.45, lil Agent Kummissarju qallu, **"tajtu giex tiri jien"**. Dan ta' l-ahhar, li kellu fuq linja ohra lil Kurt Farrugia, biddel din il-frazi ta' Sheehan u lil Kurt Farrugia qallu li PC Sheehan **"tah, zewg warning shots"**. Aktar tard, f'xi hin wara l-22.00, is-Supretendent Alessandra Mamo marret fuq il-post ma PC Sheehan u hemmhekk qalilha li kien spara ***warning shots***. Hija xedhet,**"Igifieri warning shots il-kelma warning shots,l-ewwel darba jidhirli li hemmhekk smajtha minghand is-Sheehan"**.

## <u>Il-kronologija dwar it-tiri</u>:

(i) Fid-19 ta' Novembru, 2014 ghal-hin tal-20.46, PC 1223 Eman Grima, assenjat fil-*Control Room fil-Headquarters* tal-Pulizija, rceva l-ewwel telefonata minn persuna li, apparti li ddeskriviet ruhha bhala x-xufier tal-Ministru, talbet l-ghajnuna biex jintbaghtu tar-Rapid Intervention Unit minhabba *hit and run*. Fil-kors ta'din l-istess telefonata PC Grima sema' sparaturi. Kien hawn li dik il-persuna qaltlu li kien Pulizija u li kien spara ghax l-iehor baqa' sejjer. Mit-traskrizzjoni ta' din it-telefonata l-persuna esprimiet il-kliem **"Harabli, sparajt fuqu....sparajt fuqu"**. Dak il-waqt dik il-persuna qalet li kienet fil-parking area tal-Pixxina. B'din it-telefonata PC Grima informa lil WPS 175 Vanessa Azzopardi li kienet *supervision duty* fl-istess Control Room.

(ii) Tliet minuti wara, u cjoe' fit-20.49, dik il-persuna regghet cemplet lil Control Room u din id-darba t-telefonata rcevitha WPC Erica Agius. Hawnhekk il-persuna identifikat ruhhha bhala x-xufier tal-Ministru Mallia. Ukoll f'din it-telefonata l-persuna tenniet li kien **spara fuqu.**

(iii) B'din l-informazzjoni s-Surgent Azzopardi ikkomunikat mal-Agent Kummissarju li kien riceviment fl-istess Kwartieri u, fuq invit tieghu, nizlet tkellmu fejn tgharrfitlu dwar l-incident li kien involut fih ix-xufier tal-Ministru Mallia u li kienu sparati xi tiri minn naha tal-pulizija. Mistoqsija mill-Bord jekk hi qaletx lill-Agent Kummissarju li l-tiri kienu "*warning shots*", x-xhud cahdet dan u, anzi, irrepetiet ghal aktar minn darba li hi lill-Kummissarju qaltlu li gew sparati xi tiri. PC Grima, li kien qed jakkompanja lis-Surgent, ikkorrobora lis-Surgent. Testwalment jghid: "Qaltlu ghadu kemm kellna kollizjoni fejn kienet involuta l-karozza tal-Ministru; qaltlu l-pulizija spara xi tiri". Ikkonferma wkoll li hu lis-Surgent ma semaghhiex issemmi l-frazi "*warning shots*".

(iv) Minn naha tieghu l-Agent Kummissarju Ray Zammit, sa' mill-ewwel xhieda tieghu (28 ta' Novembru, 2014) jghid li kienet is-Surgent Azzopardi li qaltlu li Sheehan spara xi "*warning shots*". Ikompli jispjega li hu tela' fil-Control Room u cempel lil Sheehan. Dan qallu li "**faqali l-vettura, tajtu zewg tiri**". Jirrizulta mit-traskrizzjoni tat-telefonata li saret fil-21.19 illi l-Agent Kummissarju talab lis-Superintendent Sandra Mamo biex tokkupa ruhha mill-incident. Fiha, d-diskors li nghad mill-istess Agent Kummissarju lil Sandra Mamo kien li xi hadd li deher fis-sakra dahal fil-karozza tal-Ministru, u li x-xufier Paul Sheehan mar jigri warajh, l-iehor hareg ghalih bil-flixkun u "**x-xufier tal-Ministru tah zewg tiri**". Irid jinghad li meta s-Superintendent Mamo accediet fuq il-lok tal-incident ghal hin ta' xi l-10.00 sabet li l-vettura tal-persuna l-ohra kien diga' tghabbiet fuq il-*low-loader* u innotat li ghandha zewg *bullet shots*, wahda fuq il-*mudguard* ta' wara *on the right* u l-ohra fuq il-*windscreen at the top* in-naha tal-*left* tal-passiggier. B'dan infurmat lill-Agent Kummissarju permezz ta' telefonata fit-22.48 (ara traskrizzjoni taghha). L-Agent Kummissarju kkonferma, u minn naha tieghu zied jghid li b'dak li qaltlu s-Superintendent Mamo gharraf lill-Ministru Mallia waqt il-kors tal-ikla, ghal liema, r-rejazzjoni tal-Ministru kienet wahda ta' inkredulita' u ssorprenda ruhu li "wasal s'hawn dan". L-istess Agent Kummissarju jghid li wara r-riceviment hu innifsu mar taht il-mina fejn kienu l-vetturi u osserva l-bullet shots fil-vettura ta' Smith.

(v) Jigi rilevat illi x'fehem meta Sheehan qallu "tajtu zewg tiri", l-Agent Kummissarju jghid li "peress li s-Surgenta li nizlet tghidli bl-informazzjoni qaltli li gew sparati xi tiri, **jien hadthom bhala *warning* il-ftit tiri**" u dan, skond l-ispjega tieghu, "ghaliex ma wegga' lill-hadd". Meta rega' ddepona fl-1 ta' Dicembru, 2014 l-Agent Kummissarju ikkonferma li t-teorija tal-"*warning shots*" harget minn gol-Korp tal-Pulizija. Dejjem skond hu, u b'ripetizzjoni, din tal-*warning shots* "ibbildja" f'mohhu fuq dak li allegatament kienet qaltlu s-Surgenta tal-Control Room, u dan avolja la Sheehan u lanqas is-Superintendent Mamo qatt ma semmewlu warning shots.

(vi) F'din l-istess seduta tal-1 ta' Dicembru 2014, meta l-Agent Kummissarju kien f'telefonata ma' Kurt Farrugia gewwa l-Control Room, huwa ikkuntattjaha lil Sheehan biex jerga' jiehu l-versjoni tal-fatti minghandu u meta staqsih x'ghamel ezatt, dan wiegbu "**Sir tajtu zewg tiri u xejn iktar** pero' jien lil Kurt ghidtlu iva dan fuq li bbildjajt mas-Surgenta illi kien hemm **zewg tiri warning shots**". Dan huwa hekk ikkonfermat mit-traskrizzjoni ta' din it-telefonata li saret lil Sheehan fil-21.45 mghoddija lil Bord flimkien ma' traskrizzjonijiet ohra u d-disc dwarhom. Ghall-precizazzjoni minn dan l-iskambju ta' telefonati, b'Sheehan fuq linja u Kurt Farrugia fuq ohra, s-sekwenza kienet hekk:-

COP – issa wara li telaq int x'ghamilt mort tigri warajh ?

PC533 – Ie Ie wara hemm hekk **tajtu giex tiri jien**

COP – Kif rikeb gol-karozza ?

PC533 – mela

COP – kif rikeb gol-karozza dan taf kemm il-tir tajtu ?
PC533 – tnejn
COP – tnejn jew tlieta
PC533 – tnejn ghandu jkun
COP – ghandu jkun zewg tiri li jiftakar tah, **zewg warning shots.**
Meta mistoqsi mill-Bord ghalfejn ma' Kurt zied l-kliem "*warning shots*", il-Kummissarju wiegeb "ghax qalitieli s-Surgenta" u ghax jien "ibbildjajt fuq l-ewwel indikazzjoni li tatni s-Surgenta".

(vii) Il-Bord hass li kellu jaghmel konfront bejn l-Agent Kummissarju u WPS 175 Vanessa Azzopardi li sar fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2014. Hawnhekk, l-Agent Kummissarju rega' irriafferma li kienet is-Surgenta li qaltlu li gew sparati tiri ta' *warning shots*. Apparti li s-Surgenta f'dan l-istess konfront innegat li qatt semmietlu l-kliem "*warning shots*", meta l-Agent Kummissarju gie konfrontat bix-xhieda tieghu antecedenti tat-28 ta' Novembru, 2014 **li kien hu li fehem li kienu *warning shots*,** hu wiegeb dan: "Jiena nista'. naf li ghidtlek hekk pero' nikkonferma li lili semmietli zgur il-kelma *warning shot* u jiena bqajt sejjer biha *warning shot*". Ippressat li lanqas meta hu kellem lil Sheehan dan ma semmielux warning shots izda li kien tah zewg tiri, l-Agent Kummissarju irrisponda hekk: "Le, **jiena hadtha li warning shots**".

(viii) Fil-versjoni tal-Ministru Mallia (seduta 28 ta' Novembru, 2014) in referenza ghat-tiri dan jghid li hu stess, wara ftit li sar jaf bl-incident, cempel lil Sheehan u dan qallu "jien tajt zewg *warning shots*" (fol 4, 5 u fol 8 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu). Incidentalment, s-Superintendent Sandra Mamo wkoll tghid li fuq il-post meta kellmet lil Sheehan dan qallha illi spara *warning shots*. Il-Ministru kompla jghid li meta l-Kummissarju nizel lura mill-Control Room dan qallu "isma' mhux sparaw fuq il-karozza imma inghataw zewg shots".

(ix) Inzamm konfront bejn l-Agent Kummissarju u l-Ministru Mallia fl-1 ta' Dicembru, 2014 u hawnhekk l-Ministru Mallia xehed li sija Paul Sheehan kif ukoll il-Kummissarju semmewlu li t-tiri kienu "warning shots". Hu xehed ukoll, b'referenza ghax-xhieda tal-Assistent Kummissarju fuq dak li qaltlu s-Superintendent Mamo, illi "dakinhar filghaxija meta konna d-depot jien hadd ma qalli bil-karozza giet milquta" u, anzi, cahad li l-Agent Kummissarju qallu dwar dan il-fatt, avolja l-istess Agent Kummissarju kompla jinsisti li kien qallu u tah indikazzjoni fejn kienu l-bullet holes. B'danakollu l-Ministru ssokta jghid li meta mar id-dar kellu iva indikazzjoni li fil-fatt il-karozza giet milquta. Proprju, fl-ahhar seduta tas-6 ta' Dicembru, 2014, meta, fuq talba tieghu, rega' attenda quddiem il-Bord hu qal li seta' kien jaf b'dak il-fatt waqt li kien ghadu fid-Depot, u, fiz-zgur, fi triqtu ghad-dar ghaliex hekk tgharraflu x-xufier PC Paul Vella, li precedentement kien mar fuq is-sit tal-incident.

(x) Jidher li f'dik l-istess lejla jew f'hin wara nofs il-lejl Ramona Attard, l-Communications Officer fil-Ministeru tal-Intern cemplet lil Ministru Mallia fejn informajtu li kien hemm zball fl-istqarrija mahruga fejn jissemmew "warning shots" ghaliex "fil-verita' l-karozza hija milquta u konna qed nahsbu jekk ma naghmlux korrezzjoni", Ghal dan ix-xhud tghid li l-Ministru qalilha li ahjar "nohorgu kollox once li jkollna l-fatti cari". (seduta 1 ta' Dicembru, 2014)

## L-agir tal- Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit

l-provi migbura iwasslu wkoll biex jista' jinghad li l-Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit, ghen hafna biex din l-allegazzjoni ta' cover-up tissahhah. Il-Bord m'hux konvint li dan sar b'malizja jew bl-intenzjoni specifika li jghin fil-cover-up, izda l-Bord jifhem li dan aktarx kien rizultat ta' certu nuqqas professjonali fil-qadi ta' dmirietu.

Irrizulta li kien ezattament l-Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit li ordna li fid-19 ta'Novembru li jintbaghat *low-loader* b'certa ghaggla fuq il-post fejn waqfet il-karozza ta' Smith, bil-hsieb li din il-vettura, li kellha fuqha it-toqob fejn dahhlu iz-zewg bullets sparati fl-incident, eventwalment tittihed id-Depot. l-Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit spjega li din kienet ordni normalissima li dejjem tinghata, izda irrizulta li din l-ordni kif maghmulha, tat lok ghal ekwivoku li gie sfruttat minn min wasal l-ewwel fuq il-post. Il-Bord ma jahsibx li l-Agent Kummissarju qatt haseb li l-ordni li ta kienet sejra tigi misinterpretata mill-Pulizija inkarigat mill-*low-loader* u l-persuni l-ohra li kienu fuq il-post. Infatti jirrizulta li huwa kien insista hafna mas-Supretendent Mamo li x-xena tar-rejat tigi priservata u ma jintmessx xejn, twissija li s-Supretendent Mamo ghaddieta lill-pulizija taghha li kienu qed jahdmu fuq il-kaz. Wisq sorprendentement irrizulta li l-vettura ta' Smith insaqet ghal fuq il-*low-loader* mill-Ispettur Gabriel Micallef, li fix-xhieda li ta stqarr li ghamel hekk biex "jghin" lil-Pulizija fuq il-post. Jirrizulta li l-*low-loader* qatt ma ittiehed minn fuq il-post, anzi dan serva kwazi ta' bradella biex il-vettura moghobbijja fuqu aktar giet f'pozizzjoni ta' *centre stage*.

Fil-fehma tal-Bord, l-Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit ghandu jgorr hafna mir-responsabbilita' ghall-iskoretezza li kien hemm fl-istqarrijja ufficcjali mahruga mill-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali ftit tal-hin wara li sehh l-incident, u senjatament fejn fiha intqal li "il-pulizija spara zewg tiri fl-arja bhala warning" meta irrizulta bla ebda ombra ta' dubbju li t-tiri li gew sparati ma kienux sparati fl-arja izda fid-direzzjoni tal-vettura li fiha kien hemm riekeb Stephen Smith. Li wiehed jghalaq ghajnejh ghal dak li jkun manifestament jezizti quddiemu jew ghal dak li jkun qieghed jintqal lilu, tindika negligenza grossolana raazenti l-illicejta, u din ma tistax tigi semplicement skuzata. Lanqas il-verzjoni tal-Kummissarju ma hi kredibbli li hu sema' bil warning shots mis-surgenta Vanessa Azzopardi u skarta dak li qallu Sheehan (*tajtu zewg tiri*) u qaghad fuq dak li skond hu qaltlu Vanessa Azzopardi, li baqghet tichad li qatt semmiet warning shots lill-Kummissarju. F'dan giet korraborata minn PC Emman Grima. L-Agent Kummissarju jinsisti li baqa "jibbildja" fuq dak li suppost kienet qaltlu WPS Vanessa Azzopardi u baqa' jsostni l-istess verzjoni tal-*warning shots* anke wara li Supt Sandra Mamo informatu li l-karozza kienet milquta bit-tiri tal-ballal. Wara ikkonferma dan b'ghajnehh stess meta mar fuq il-post, izda baqa' ma ghamel xejn biex ghal bzonn hu stess johrog stqarrijja korrettorja.

Il-Bord wasal ghal din il-konkluzjoni fid-dawl tal-kronolgija tat-tiri hawn fuq esposta, kif rakkontati lil dan il-Bord mid-diversi xhieda jew kif estratti mid-dokumenti prodotti:

## L-operat tal-Ministru Mallia

Meta Ministru jikser xi ligi, jew b'xi mod iehor jonqos gravament, huwa car li huwa ghandu jinzamm personalment responsabbli ghall-operat tieghu u m'hemmx dubbju li jekk il-ksur jew in-nuqqas ikun wiehed gravi, dan ghandu jwassal ghar-rizenja jew tkeccija tieghu.

Jekk f'dan il-kaz verament sehh cover-*up* u jekk jirrizulta li il- Ministru Mallia kien involut fih, kemm jekk attivament jew kemm passivament, allura dan ghandu jwassal ghar-rizenja jew it-tkeccijja tieghu.

Dan il-Bord diga' esprima l-fehma tieghu li ftit tal-hin wara li sehhet l-isparatura x'aktarx kien hemm attentat ta' cover-up minn persuna jew persuni qrib PC 533 Paul Sheehan li kienu minn ta' l-ewwel li waslu fuq il-post fejn gew sparati t-tiri u fejn waqfet il-karozza ta' Smith.

Il-Ministru Mallia insista li huwa dejjem kellu quddiemu il-verzjoni moghtija lilu minn PC Sheehan u / jew l-Agent Kummissarju u cioe' li Sheehan kien spara biss *warning shots*. Madanakollu, anke jekk il-Ministru Mallia emmen din il-verzjoni, certament din il-verzjoni f'xi hin kellu jabbandunha, ghax hu stess stqarr fl-ahhar seduta li seta' kien jaf bil-fatt li PC Sheehan ma kienx spara fl-ajru izda kien spara fid-direzzjoni tal-vettura ta' Smith u effettivament kien laqatghha. Dan il-fatt stqarru li seta kien jafu **waqt li kien ghadu fid-Depot, u, fiz-zgur, fi triqtu ghad-dar** ghaliex hekk tgharraflu x-xufier PC Paul Vella, li precedentement kien mar fuq is-sit tal-incident. L-Agent Kummissarju stqarr li hu kien wera lil Ministru Mallia l-abbozz tal-istqarrija li thejja minn Kurt Farrugia. Il-ministru Mallia cahad dan u xehed li hu qatt ma ra l-abbozz ta' dik l-istqarrija. . L-istess Bord huwa tal-fehma illi l-istess Ministru Mallia kien a konoxxenza tal-kontenut tal-istqarrija u dan in raguni tal-fatt mistqarr minn Kurt Farrugia illi meta kien fit-telefonata mal-agent Kummissarju sema' lill-Ministru jghid "ohrog li stqarrija, ohrog li stqarrija, ohrog li stqarrija, ohroga". Mistoqsi ukoll mill-Bord x'semha izjed f'dan il-kuntest dan Kurt Farrugia semma l-kliem "kif inhi" li intqalu mill-Ministru. Ghal dan il-Bord dan ihalli toghma li l-Ministru l-istqarrija kien ra jew inqratlu.

Anke jekk il-Ministru Mallia jigi emnut li hu qatt ma ra l-isqarrijja ufficcjali imsemmija qabel din giet ippublikata, certament ma jistax jafferma li l-kontenut taghha ma kienx a konjizzjoni tieghu u partikularment fejn fiha jinghad li PC Sheehan spara tiri fl-ajru. Dan il-Bord jidhirlu li nonostante li kien tard bil-lejl, kien desiderabbli jekk mhux ukoll doveruz ghal-Ministru Mallia, appena sar jaf bl-iskoretezza ta' fatti importanti fl-imsemmija stqarrija, li huwa jiehu passi immedjati biex jikkoregiha u mhux ihalli kollox ghal ghada filghodu, kif fil-fatt ghamel. Fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz kif kienu jidhru dak il-hin, certament dan ma kienx xi nuqqas gravi per se, izda huwa veru wkoll li minhabba dan in-nuqqas, il-qiegha kompliet tishon sewwa.

Certament il-Ministru Mallia ma jgorr l-ebda htija personali ghal dak li ghamel Sheehan u ghal dak li setghu ghamlu xi persuni qrib tieghu biex jipprovaw jimmitigaw il-gravita' tal-agir ta' PC Sheehan. Ma

hemm l-ebda provi li huwa b'xi mod involva ruhu biex jaghtti l-agir ta' PC Sheehan. Madanakollu, Huwa ghandu jgorr ir-responabilita' li dik l-istqarrija ufficcjali li harget mill-Ministertu tieghu kienet fil-fatt skorretta dwar fatt jew fatti importanti li huwa messu assigura li ma jsirux fl-ewwel lok u fit-tieni lok messu ikkoregihom immedjatament li sar jaf il-verita' tal-fatti. Il-Bord huwa tal-fehma illi mill-assjem tal-provi l-Ministru Mallia kellu gharfien, almenu jekk tittwemmen il-verzjoni tal-Agent Kummissarju, illi Sheehan kien qal, "tajtu zewg tiri" u, ukoll fejn kienu qeghdin il-bullet holes fil-karozza tal-ingliz

In konnessjoni ma dan il-kaz issemma l-koncett tar-responsabilita' ministerjali ghall-operat ta' persuni li Ministru jkun ghazel u hatar biex jaqdu funzjonijiet pubblici. Wiehed jinnota li dan il-koncett ta' sikwiet jigi invokat mill-politici li jkunu fl-Oppozizzjoni, izda dawn malajr jinsewh appena huma jkunu fil-Gvern.

Intqal li il-kultura tar-risenja, sfortunatament ftit li xejn qabdet gheruq f'pajjizna. Wiehed isaqsi jekk wahda mir-ragunijiet ghal dan tohrogx mill-fatt li certi ghazliet u nomini - minn xufier ta' Ministru sal-ghola karigi fil-pajjiz - mhux dejjem isiru skond il-meritu, hila u kwalitajiet intrinsici ta' dak li jkun, izda invece sikwiet isiru fuq il-bazi ta' kulur politiku, nepotizmu, hbiberija u konsiderazzjonijiet ohra mhux xierqa bhal dawn. Meta jigri hekk, huwa ferm aktar facli, li persuni hekk maghzula, li ma jkollhomx il-kwalitajiet kollha necessarji biex jaqdu id-dmirijiet taghhom, jizolqu fin-niexef. Ta spiss zelqiet bhal dawn ma jinkixfux u kollox jibqa' ghaddej daqs li kieku ma sar xejn, izda s'intendi, bi hsara lill-pajjiz ul-governanza tieghu. Jekk invece in-nuqqas li jkun isir maghruf, il-Ministru li jkun ghazel u innomina l-persuna li ikkommettiet in-nuqqas, x'aktarx ma jkunx ragel bizzejjed biex jghid pubblikament *mea culpa* u ghal bzonn jixhet ir-rizenja tieghu talli jkun ghazel persuna li ma kellhiex il-kwalitajiet necessarji biex taqdi d-dmirijiet li jkun assenjalha. Minflok dan il-Ministru malajr ixandar mal-erba t'irjieh li hu ma kien jaf b'xejn dwar dak li gara u jekk si tratta ta' rejat kriminali, minnufijh jghamel rapport lill-Pulizija biex dawn jinvestigaw u jiehdu l-passi skond il-ligi. B'hekk isalva gildu.

## DWAR KURT FARRUGIA

Il-fonti ewlieni tal-informazzjoni li gabar dan ix-xhud kien l-Agent Kummissarju u li, di piu, huwa dam jistenna ghal hin biex ikollu konferma tal-korrettezza tal-istqarrija.

Ma jirrizultax li qabel ma giet pubblikata l-istqarrija dan Kurt Farrugia u sahansitra Ramona Attard kienu a konoxxenza tal-fatt li l-vettura kienet giet milquta b'tiri, kien biss wara li jew Ramona Attard jew Kurt Farrugia gew infurmati minn Ariadne Massa tat-Times of Malta, jew xi gurnalist iehor, li t-tiri ma kienux fl-ajru billi l-karozza kienet ntlaqtet minn bullets. Kurt Farrugia kellu diversi komunikazzjonijiet mal-Agent Kummissarju tal-Pulizija fosthom it-telefonata li sehhet fil-21.45 u dan kif inghad aktar 'l fuq.

Sussegwenti ghall-istqarrija Kurt Farrugia tramite Ariadne Massa tat-Times of Malta, jew xi gurnalist iehor, gie infurmat li l-isparaturi ma kienux "warning shots" billi ingieb a konoxxenza tieghu l-fatt li kienu nstabu zewg 'bullet holes' fil-karozza ta' Smith. Minn dak il-mument kemm Ramona Attard u Kurt Farrugia bdew jahsbu *"biex issir correction f'dak li stadju"* ta' l-istqarrija izda meta hija cemplet lill-Ministru tal-Intern dan qalilha: *" ahjar issa niccaraw il-fatti kif saret din u nohorgu kollox once li*

*jkollna l-fatti cari."* Minn dan jidher li Kurt Farrugia ma jistax jinstab responsabbli ta' xi involviment mhux lecitu jew li intervjena biex jghatti l-agir ta' Sheehan.

**DWAR SILVIO SCERRI**

L-istess jinghad fir-rigward ta' Silvio Scerri, ic-Chief of Stuff tal-Ministeru ta' l-Intern. Irrizulta li l-involviment ta' dan beda meta ircieva telefonata min ghand Keith Schembri, ic-Chief of Staff tal-ufficcju tal-Prim Ministru. Dan saqsieh ta min kienet il-karozza bin-numru GM14 u Scerri qallu li ser jiccekja u cempel lil certu Galea li jkun quddiem il-Parlament u dan informah lil din il-vettura kienet tal-Ministeru taghhom. Hu cempel lil Schembri u infurmah b'dan u dan talbu jiccekja x'qed jigri billi kien semgha li kien hemm zewg vetturi, wahda tal-ministeru, jigru wara xulxin. Cemplitlu Ariadne Massa tat-Times li talbitu informazzjoni dwar x'kien qed jigri u qallha li ser jiccekkja ghax ma kienx jaf. Ghalhekk cempel lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan irrispondieh li sa issa l-informazzjoni li kellu kienet li xi hadd dahal bis-sahha faqa l-karozza tal-Ministru u kompla jghidlu li dan telaq jigri warajh hit and run u li gew sparati xi zewg tiri warning shots. In sewgitu reget kellmitu Ariadne Massa u dana informaha b'dak li qallu l-Kummissarju tal-Pulizija. Effettivament fil-portal tat-Times li storja harget kif huwa kien gie infurmat mill-Kummissarju. Mentri meta beda jiccekja l-portals tal-gazzetti l-ohra sab li l-istorja fuq il-portal tal-Malta Today kienet differenti. Kien ghalhekk li cempel lil Saviour Balzan u tah l-verzjoni li kien jaf hu u cioe`, "dawk kienu warning shots, dan huwa ragel sew" u kien ghalhekk li talbu jikkoregi l-portal. Dan hekk ghamel. Aktar tard huwa ircevah kopja tad-draft tal-istqarrija li kienet ser tohrog mid-Dipartiment tal-Informazzjoni. Fl-ewwel xhieda tieghu kien reticenti dwar il-partecipazzjoni tieghu dwar il-kontenut ta' dik l-istqarrija, pero` aktar tard f'konfront mal-Kummissarju tal-Pulizija, fuq insistenza tal-Bord huwa ikkorega ruhu u kkonferma li kellu sehem partecipattiv fl-istezura tal-abbozz tal-istqarrija. Dan kollu kif diga' inghad hawn fuq. Fic-cirkostanzi l-Bord hu tal-fehma li in assenza ta' provi konkreti dan ix-xhud ma ikkontribwixxix ghal ebda "cover up".

## Dwar ir-responsabbilita' tal-ufficcjal PC 533 Paul Sheehan

PC 533 Paul Sheehan diga tressaq quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali akkuzat b'diversi reati kriminali in konnessjoni ma l-incident li qed jigi investigat min dan il-Bord. Certament, il-kwistjoni tar-responsabbilita' kriminali o meno ta' dan l-ufficcjal pubbliku ghandha tithalla biex tigi decīza mill-Qorti kompetenti. Ghal fini ta' din l-inkjesta, pero' ghandu jinghad, li xufier Pulizija ta' ministru li jigi koncess lilu li jgorr arma tan-nar, ghandu dritt juri u ghall-bzonn jispara dik l-arma, biss u biss jekk ikun hemm sitwazzjoni li tipprezenta periklu manifest ghall-hajja tieghu jew ta' haddiehor.

Prima facie jirrizulta lil dan il-Bord li PC 533 Paul Sheehan uza forza indubbjament sproporzjonata fis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha meta il-karozza ministerial intlaqghtet minn Stephen Smith. Meta spara zewg tiri b'dik l-arma, certament dawn ma kienux *warning shots*. Biex sparatura tkun tista' tkun definta bhala *warning shot*, min jispara ghandu juri li hwa immira lejn l-ajru jew f'direzzjoni li zgur li l-balla sparata ma tista' qatt tolqot lill-persuna li tkun qieghdha tigi mwissijja. Irrizulta li Sheehan spara fid-direzzjoni ta' karozza li kien hemm riekeb fiha Stephen Smith. Is-Superintendent Alessandra Mamo, li accediet fuq il-lok tal-incident ghal hin ta' xi l-10.00, sabet li l-vettura ta' Smith

kienet diga' tghabbiet fuq il-*low-loader* u innotat li kellha *"zewg bullet shots,* wahda fuq il-*mudguard* ta' wara *on the right* u l-ohra fuq il-*windscreen at the top* in-naha tal-*left* tal-passiggier". Fortunatament Smith ma inlaqatx, izda dan il-fatt wahdu ma jiggustifikax, fil-fehma ta' dan il-Bord, li din l-isparatura stghat qatt tigi deskritta bhala li PC Sheehan spara *warning shots.*

Rakkomandazzjoni

Dan l-incident x'aktarx jindika li PC Sheehan ma kienx persuna, bi kwalitajiet personali sufficjenti, li stajt tafdalu arma tan-nar f'idu.

Dan il-Bord jirrakomanda li Awtoritajiet tal-Pulizija ghandhom jaraw jekk huwiex il-kas li jirrivedu l-mod kif jintaghzlu pulizija li jservu bhala "xufiera armati" biex jassikuraw ruhhom li qabel ma jafdaw armi letali f'idejn pulizija simili, dawn ikollhom il-kwalitajiet personali kollha necessarji biex wiehed ikollu mohhu mistrieh li jista' jafdalhom arma tan-nar, u dan s'intendi wara li jinghataw tahrig adegwat fl-uzu tal-armi tan-nar u tal-hekk imsejha *rules of engagement.*

**Dwar l-Ispettur Gabriel Micallef.**

Il-Bord diga esprima l-fehma illi l-Ispettur Gabriel Micallef involva ruhu minn rajh minhabba l-parentela ta' ohtu ma' Paul Sheehan u gia la darba ghaddejjin proceduri kriminali fil-konfront tieghu dwar l-involviment mhux floku tieghu, dan il-Bord jidhirlu li ma ghandhux jikkummenta izjed minn dak li gja intqal hawn fuq.

Dan kollu qed jingieb a konjizzjoni tal-Onorevoli Prim Ministru biex jirregola ruhu kif jidhirlu xieraq.

Iffirmat:

..................................................

Imhallef Alberto Magri

..................................................

Imhallef Joseph David Camilleri

..................................................

Imhallef Philip Sciberras

Illum 8 ta' Dicembru, 2014